MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 397/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
**v**

**ANTHONY CORESCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY CORESCHI** ta' tmienja w erbghin sena bin John u Mary nee Mifsud, imwieled B'Kara nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 1957 u residenti 34, 'Helena', Triq il-Habb il-Qamh, Hal Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita numru 386057M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli nhar l-erbatax ta' Marzu 2006, ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar fil-Belt Valletta, hebb ghal Anthony Galea detentur tal-karta tal-identita

numru 743945M w ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Doctor Joseph Galea MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

2. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq nuccali ghad-dannu ta’ Anthony Galea;

3. talli f’dawn l-istess cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Anthony Galea.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta w ghoxrin ta’ April 2006 esibit bhala dokument CSH a fol 2, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnax ta’ Gunju 2006 [fol 10] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tletin ta’ Lulju 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Alfred Mallia** [fol 11] fejn qal li fl-erbatax ta’ Marzu 2006 kien mar l-ghassa tal-Belt Valletta certu Anthony Galea, detentur tal-karta tal-identita numru 743945M fejn kien sab lil PS 414 Micallef u kien qallu li certu Anthony Coreschi, li huwa xufier ta’ taxi kien aggredieh u anke kissirlu n-nuccali.

Dan ipprezenta wkoll certifikat mediku minn fejn jirrizulta li l-griehi li kien garrab kienu hfief, liema certifikat mediku kien mahrug minn Doctor Joseph Galea u li gie esibit bhala Dok AM 1.

Ix-xhud qal li aktar tard Anthony Galea kien ipprezenta wkoll stima minghand D. Tanti Co Ltd tan-nuccali li kienet tammonta ghal mija tlieta w erbghin lira maltin, li giet immarkata bhala Dok AM 2. Spjega li s-surgent kien infurmah b'dan u hu wara li tkellem ma Anthony Galea, dan kien qallu li l-imputat kien aggredieh fejn San Gwann, li kien nizel ghalih u tah daqtejn f'wiccu u kissirlu n-nuccali.

Ix-xhud zied jghid li wara hu baghat ghal Anthony Coreschi, l-imputat presenti fl-awla, fejn kien rrilaxxja stqarrija w ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat Anthony Coreschi u tas-surgent Micallef li kien ukoll ha r-rapport fuq l-istess stqarrija. Qal li fiha l-imputat kien qal li verament kien kellu argument ma Anthony Galea u kien imbuttah minn wiccu izda meta staqsieh fuq in-nuccali, l-imputat kien rrisponda li ma kienx jafx li kien kissirulu u li fil-fatt ma kienx jahseb li laqatlu n-nuccali. Ix-xhud esebixxa din l-istqarrija bhala Dok AM 3.

Kompla jghid li l-imputat kien qallu li kien imbuttah ghax dan Anthony Galea kien qallu li kien diga ghamel zewg rotot qablu u qallu biex jitlaq minn hemmhekk. Ix-xhud zied jghid li l-imputat kien qal li huwa kien nizel ghalih ghax beda jghajjat u beda jghidlu '*jiena rrapurtajtek lill-pulizija*.'

L-imputat spjega wkoll li l-iehor u cioe Anthony Galea, kien qed jghajjat u jammetti li kien l-persuna li rrapurtatu lill-pulizija u biex ma joqghod iwahhal f'hadd u dan nizel mill-karozza dak il-hin, resaq lejh u l-imputat imbuttah minn wiccu lura.

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2006 **xehed PS 414 Trevor Micallef** [fol 20] fejn qal li fl-erbatax ta' Marzu 2006 ghall-habta tas-siegha w hamsa w ghoxrin ta' wara nofsinhar kien mar certu Anthony Galea jaghmel rapport fl-ghassa

tal-pulizija l-Belt Valletta li ftit minuti qabel waqt li huwa kien fuq it-*taxi stand* ta' San Gwann, mar Anthony Coreschi li huwa *taxi driver* iehor u kellu argument mieghu u kien gie aggredit peress li fil-gurnata ta' qabel il-kwerelant kien rrapurta lil Coreschi li kien qieghed fuq San Gwann jghabbi lin-nies minghajr ma kien qieghed fuq l-*istand*. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok PS.

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2006 **xehed Anthony Aquilina** [fol 25] fejn qal li dakinhar tal-erbatax ta' Marzu 2006 hu kien il-venda ta' San Gwann bit-taxi tieghu, bil-qeghda fil-karozza jaqra l-gazzetta. Qal li f'hin minnhom sema' ghajjat u meta hares ra lil Anthony Galea bid-demm niezel minn imniehru w in-nuccali tieghu ma l-art u gabru. Qal li kellu maktur u tahulu. Qal li l-incident ma rahx isehh u kull ma ra kien lill-imputat wieqaf. Qal li hu fl-ebda hin ma zamm lill-imputat milli jkompli jaghti lil Anthony Galea.

Mistoqsi l-kundizzjoni tan-nuccali x-xhud qal li meta gabru kien imkisser, u cioe kellu l-parti tan-nofs nieqsa u bdew ifittxuha u sabuha wkoll. Qal li hu ra nieqes il-*bridge*.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **rega' xehed Anthony Aquilina** [fol 43] fejn, mistoqsi jekk hu rax lil xi hadd jaghmel xi incident, wiegeb li le. Qal li hu sema' hoss, hares u ra li kien hemm Anthony Galea bid-demm ma mniehru, pero kif spicca Anthony Galea bid-demm, ma kienx jaf. Qal li fl-ebda hin ma ra l-glieda. Spjega li Anthony Galea kien mal-hajt hdejn il-Bank of Valletta fejn hemm il-hanut Savita l-Belt filwaqt li l-imputat kien magenb Anthony Galea, fost nies ohrajn.

Mistoqsi mill-Qorti jekk semghax lil imputat jghid xi kliem, wiegeb li le, ma ftakarx li semgha dan.

Illi nhar l-erbgha ta' Settembru 2006 **xehed Peter Camilleri** [fol 34] fejn, wara li ra ricevuta esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok AM 2, datata erbatax ta' Marzu 2006, ricevuta mahruga mis-socjeta D Tanti Co Ltd li taghha hu direttur, qal li fejn hemm miktub il-kelma 'b'focus' din hija riferenza ghat-tip ta' lenti ghaliex dawn

jiccaraw u jiskuraw skond il-gurnata. Qal li l-prezz taghhom huwa hamsa w tmenin lira maltin. Spjega li fuq dawn il-lenti li kien hadilhom s-Sur Galea kien hemm grif u ghalhekk kellhom jinbidlu. Qal li s-Sur Galea kien hadilhom *frame* YSL li bhalu ma kellhomx aktar, pero kien wkoll miksur. Qal li l-*frame* li liebes dakinhar is-Sur Galea huwa *frame* imsewwi. Qal li l-hamsa w sebghin lira li hemm indikat fir-ricevuta huwa ir-*replacement value* f'kaz li l-*frame* li kellu dakinhar s-Sur Galea jigi mibdul, pero jekk jigi mibdul ma jistax jigi mibdul ghall-istess *frame* li huwa kellu w ghalhekk hu tah kalkolu approsimmattiv ta' kemm jiswa l-*frame* biex huma jgibulu iehor ta' l-istess prezz u kwalita. Qal li huma ghamlu *repair* ta' zewg *sides* u *nose screen* ghal prezz ta' tmien liri maltin. Zied jghid li s-Sur Galea m'ghandux ricevuta ta' din l-ispiza pero kkonferma li effettivament kien hallas hekk. Qal li huwa jkun jista juza n-nuccali sakemm jaghtuh nuccali gdid.

Illi nhar l-erbgha ta' Settembru 2006 **xehed Anthony Galea** [fol 36] fejn qal li fl-erbatax ta' Marzu 2006 l-imputat kien riekeb fil-karozza u waqaf hdejn is-Savoy f'nofs ta' triq u nizel minnha u xi hadd beda jdoqqlu u qal '*jiena u inti ha nibdew storja gdida*' u beda jfajjar u jaghtini diversi daqqiet u gibdu mal-art. Qal li sahansitra kien ser ikisser sahansitra s-*showroom*. Spjega li wara rikeb fil-karozza, idoqq lil ta' quddiemu biex jitlaq jigri. Qal li kien hemm Magistrat u qallu biex immur l-ghassa u jaghmel rapport u kien ser icempillhom hu. Qal li sakemm tela hu l-ghassa biex ikellem lil Ispettur kien mar l-imputat. Zied jghid li l-Ispettur qallu biex imur go kamra meta hu ndikalu li kien l-imputat li aggredih u qallu biex imur jaghmel certifikat mediku u hekk ghamel. Kompla jghid li qallu wkoll biex johodlu stima tan-nuccali li kellu imkisser f'idejh. Qal li kif kissirlu n-nuccali, l-imputat qallu 'issa nhallasulek' qabel ma telaq. Qal li lil imputat hu baghatlu wkoll ittra ufficjali ta' l-ispejjez li sofra.

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex l-imputat nizel kiesah u biered ix-xhud wiegeb li l-imputat allega li lejliet hu kien baghatlu xi pulizija d-dar. Qal li hu ma kellux x'jaqsam mal-pulizija li marru ghandu. Zied jghid li lil imputat hu ma kien qallu xejn. Spjega li hu kellu *black eye* u griehi f'wiccu u

ghamel xahar ma jahdimx. Qal li dawn il-griehi gew kagunati mill-imputat li gharaf prezenti fl-awla. Qal li peress li kien ibati minn *slip disc* qabel u bil-gibda li tah l-imputat u tefghu ma l-art, rega' qalalu id-*disc*. Qal li kien l-imputat li kissirlu n-nuccali bid-daqqa li tah u li fil-fatt l-imputat b'kollox tah tlett daqqiet.

Illi nhar l-erbatax ta' Marzu 2007 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 47] fejn qal li xi zmien qabel hu kien bil-karozza tieghu fi Triq San Gwann il-Belt Valletta. Qal li jaf li Anthony Aquilina kien baghat l-pulizija fuqu biex inehhulu l-permess peress li ma hemmx venda. Qal li l-ghada hu kien rega' tiela minn hdejn San Gwann u hariglu Anthony Aquilina ghan-nofs u hu waqaf. Qal li dan dahhal rasu fil-karozza tieghu u beda jxejjer f'wiccu w hu imbuttah u kompla jsuq. Qal li qabel kien qallu li kien ghabba xi nies minn hdejn il-Phoenicia l-Floriana u li kien cempel lil ta' warajh u qallu li kien ghabba tour. Qal li dak li kien warajh sussegwentement kien ghabba tour iehor minn Tas Sliema. Zied jghid li l-iehor kien qallu li Anthony Aquilina kien tah xi daqtejn go wiccu w ghalhekk n-nuccali li nkiser mhux fl-incident li kellu hu izda dak li kien gara l-gimgha ta' qabel. Qal li Anthony Aquilina sahansitra kien anke mar wara l-bieb tieghu u kellu jmur jaghmel rapport l-ghassa tal-Belt dwar dan. Ix-xhud ikkonferma li n-nuccali ta' Anthony Galea ma giex imkisser minnu. Qal li Anthony Galea kellu problemi ma xufiera ohra, mhux mieghu biss. Cahad li hu ta daqqa ta' ponn lil Anthony Galea. Qal li l-gimgha ta' qabel Anthony Galea kellu xi jghid max-xufier tat-taxi numru 84 u li kien tah daqqa f'wiccu waqt li kien x-Xatt. Qal li qabel dan l-incident hu kellu relazzjoni normali ma Anthony Galea.

In kontr'ezami x-xhud cahad dak suggerit lilu li hu taha daqqa ta' ponn lil Anthony Galea. Rega' kkonferma li Anthony Galea kien dahhal rasu fil-karozza tieghu u hu mbuttah lura. Qal li meta mbuttah lura dakinhar, Anthony Galea kien liebes nuccali, w imbuttah minn sidru mhux minn nuccali. Qal li meta mbuttah, laqtu f'wiccu, pero nuccalijiet ma messlux. Qal li kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu minnu.

Qal li hu semgha lil Anthony Galea jixhed u li dan habib ma Anthony Aquilina u li setgha jghid li jrid u fil-fatt kien anke rah ikellem lil Anthony Galea barra l-awla dakinhar. Qal li hu ma rax dmijja ma wicc Anthony Galea ghaliex appena mbuttah, telaq ‘l hemm u mar jaghmel rapport l-ghassa.

Mistoqsi jekk hu harigx mill-karozza f’xi mument, wiegeb li le, fl-ebda hin ma hareg.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi nhar t-tnejn ta’ April 2007, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, ddikjara li kien lest li jhallas lil vittma Anthony Galea ghad-danni minnu sofferti u cioe li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsara li kellu fin-nuccali tieghu bhala rizultat ta’ din l-aggressjoni u fil-fatt iddikjara li kien lest li jhallas s-somma ta’ mija tlieta w erbghin lira li hija s-somma flus li ghandha tithallas skond Peter Camilleri tan-nuccali, sabiex huwa jottjeni nuccali gdid.

Illi nhar l-erbgha ta’ Lulju 2007, l-imputat ipprezenta cedola ta’ depozitu fl-ammont ta’ mija tlieta w erbghin lira kif jirrizulta minn kopja esibita fl-atti markata dokument ‘A’ a fol 54, fejn hemm indikat li hu m’ghandux oggezzjoni li dan l-ammont jinghata lil vittma Anthony Galea wara li jhalli d-debita ricevuta.

Illi ghalhekk, permezz tal-istess, l-imputat qed jammetti l-akkuza ta’ hsara voluntarja.  Dwar l-akkuza ta’ feriti hfief, il-Qorti tirrileva li din tirrizulta wkoll kemm mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif wkoll minn dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija rilaxxata minnu u fix-xhieda li hu taha viva voce l-Qorti.

Dwar il-piena, l-Qorti rat li l-imputat diga kiser dufrejh mal-gustizzja f’numru t’okkazzjonijiet u cioe tnax il-darba ghalkemm dejjem fuq akkuzi kontravenzjonali u ta’ portata zghira, meta gie kkundannat amendi zghar jew inghata *unconditional discharge*.

Rat wkoll li l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni tant li diga ghamel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat ANTHONY CORESCHI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt [100] lira maltin.**

**Il-Qorti oltre dan tobbliga lil imputat ma jkellimx, ma jingurjax u ma jimmolestax lil Anthony Galea taht penali ta' mitt lira maltin fin nuqqas ghal perjodu ta' sena mill-lum kif previst fl-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------